MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 129/2006

**Grace Borg bil-karta ta' l-identita' numru 760251 (M)**

**vs**

**Stephen Aquilina (ID 28465 M) u Raymond Baldacchino (ID 68365 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fil-5 ta' Mejju, 2006 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm1,950) rapprezentanti *commission* ta' hmistax fil-mija (15%) fuq il-valur shih ta' *sponsors* ipprovduti lill-konvenuti mill-attrici, ghal programm televiziv minnhom prodott bl-isem *"Showtime ma' Ace Line",* u liema somma hija dovuta lilha kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhumiex il-legittimi kontradditturi.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto peress illi mhux minnu li l-ammont pretiz huwa dovut u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghal hlas tal-ammont mitlub hija f'kull kaz wahda eccessiva;

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-partijiet jahdmu fil-qasam ta' l-*'entertainment'* bil-konvenuti jipproducu programmi televizivi li jinkludu fost l-ohrajn konkorsi tal-kant. Minbarra negozju wkoll fl-istess qasam l-attrici ghandha esperjenza u kuntatti li l-konvenuti riedu f'xi zmien juzaw sabiex jippromwovu l-programm partikolari taghhom *"Ace Line".*

Il-konvenuta (fol 14) qalet illi giet avvicinata mill-konvenuti sabiex tghinhom fi *sponsorship* ghal programm *"Show Time".* Kienet taf lil certu David Coleiro li kellu zewgt itfal li ried iressaqhom ghad-dinja tal-kant. L-attrici laqqghet lil David Coleiro mal-konvenuti u sar ftehim fejn il-konvenuti rcevew minghand David Coleiro l-ammont ta' tlett elef lira ghal skeda ta' programmi fejn kellhom jidhru t-tfal tieghu. Kien fl-istess zmien illi l-attrici kienet issuggeriet il-

formazzjoni ta' kumpanija sabiex tiggestixxi dan il-programm. Bdew id-diskussjonijiet. Saru d-dokumenti fejn gew redatti l-*articles u l-memorandum* tal-kumpanija pero' jidher illi dina ma waslitx sar-registrazzjoni taghha ghax il-partijiet tilfu l-interess.

Pero' sadanittant l-attrici baqghet f'kuntatt ma' David Coleiro. Il-PBS accettat l-iskedi u l-ewwel wahda saret. Meta bdiet issir it-tieni skeda David Coleiro hallas ghaxart elef lira biex it-tfal jibqghu jidhru fuq l-iskedi fil-programm *"Show Time"* izda l-konvenuti zmien minnhom ma riedux aktar ikollhom kuntatt ma' l-attrici u ddecidew li jkomplu bil-programmi wahidhom u hekk fil-fatt sar.

L-attrici f'din il-kawza qieghda titlob li tkun kumpensata bir-rata ta' hmistax fil-mija (15%) fuq it-tlettax-il elf lira illi l-konvenuti kienu rcevew minghand David Coleiro tramite l-isforzi taghha. Il-konvenuti minn naha taghhom qieghdin ighidu li mhumiex il-legittimi kontradditturi peress illi se mai kienet is-socjeta' *"Ace Line Entertainment Limited"* illi kellha relazzjoni ma' l-attrici u mhux il-konvenuti f'isimhom personalment.

Ikkunsidrat:

Veru illi l-konvenuti joperaw taht id-ditta "*Ace Line Entertainment Limited"* u m'hemmx dubbju illi f'xi zmien dina kienet involuta fil-preparazzjoni kif ukoll produzzjoni tal-programm *"Show Time"* fuq il-PBS. L-attrici wkoll kellha xi kuntatti ma' din is-socjeta' pero' qieghda tghid illi tlettax-il elf lira li rnexxielha ggib minghand David Coleiro nghataw lill-konvenuti personalment u mhux lis-socjeta' "*Ace Line Entertainment Limited"*.

Raymond Baldacchino a fol 54 ighid *"veru illi ghal bidu Mrs Borg kienet introducietna ma' certu David Coleiro.... Ta' l-ewwel skeda David Coleiro hallas tlett elef lira.... B'kollox ircevejna minghand David Coleiro tlettax-il elf lira..."* Semma d-diskussjonijiet fuq il-kumpanija fejn gew formulati l-*memorandum and articles*.

Il-konvenut l-iehor Stephen Aquilina fol 75 ikkonferma li David Coleiro hallas tlettax-il elf lira b'kollox *"is-Sur Coleiro ma kontx naf min hu, kien tramite l-attrici illi ahna sirna nafuh u gie ntrodott lilna."* Jkompli jghid a fol 127 *"jiena nikkonferma li s-Sur David Coleiro gie ntrodott lili u lis-Sur Baldacchino minn Grace Borg. Nista' nikkonferma li l-isponsorship li kien tana David Coleiro gie tramite l-isforzi li ghamlet Grace Borg u dana kien f'Awissu 2005...."*

Minn dan jirrizulta quindi li, jekk forsi kien hemm xi tahwid fil-bidu dwar min kien qieghed jircievi l-flus, id-dikjarazzjoni li ghamel Stephen Aquilina kif ukoll il-konvenut l-iehor Raymond Baldacchino juri illi huma personalment gew introdotti lil David Coleiro u li dejjem qieghdin jitkellmu fil-kapacitajiet taghhom personali u qatt ma jsemmu s-socjeta' "*Ace Line Entertainment Limited*".

Minn barra l-gurisprudenza kkwotata mill-attrici fin-nota, l-Qorti taghmel referenza ghal kawza "Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-16 ta' Dicembru 2002 fejn fost affarijiet ohra qalet "*saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-eccezzjoni li ma hijiex il-legittimu kontradittur*." L-istess sentenza kkwotat "Lawrence Formosa et vs Silvio Felice" Appell 6 ta' Ottubru 1999 fejn il-Qorti kienet qalet *"certu kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqs tant ovvji. Fejn hemm dubbju pero' wiehed kellu jipprezumi li l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet qieghda taghmel hekk f'isimha proprju"* (ara wkoll "Dr Renato Cefai Nomine vs J&M Aluminium Limited").

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti jidhrilha illi fin-negozjati li kien hemm bejn il-partijiet il-konvenuti kienu qeghdin jagixxu personalment u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni taghhom illi mhumiex il-legittimi kontradditturi ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-konvenuti qeghdin ighidu fin-nota ta' l-ecccezzjonijiet taghhom li l-ammont reklamat

mill-attrici ma huwiex dovut. Hawnhekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghad-dikjarazzjonijiet li l-konvenuti ghamlu ghal aktar minn darba fejn irrikonoxxew li huma rcevew il-flus tramite l-isforzi ta' l-attrici, pero' fin-nota ta' l-osservazzjonijiet qeghdin ighidu li l-attrici kienet ipprojbita milli tircievi l-pagamenti minhabba l-posizzjoni taghha bhala Chairperson tal-Malta Song Board u di piu' illi giet ikkumpensata ampjament permezz ta' sensiela ta' reklami ghan-negozji taghha ghal xhur shah minghajr hlas.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel argument imkien ma rrizulta mill-atti tal-process li kien hemm xi projbizzjoni mposta fuq l-attrici milli tircievi xi kumpens ghal servigi minnha rezi. Se mai, jekk din hija kwistjoni ta' etika u bhala Chairman kienet ipprojbita milli taghmel dan it-tip ta' intervent, allura f'dan il-kaz din hija haga personali taghha biex tara bejnha u bejn il-kumplament tal-bord jew min appuntaha fuqu, izda ghal dak li jirrigwarda l-konvenuti jekk l-attrici ghamlet xi xoghol li jintitulaha ghall-kumpens, allura f'dak il-kaz il-konvenuti ma jistghux jargumentaw li hija kienet ipprojbita minhabba ragunijiet imputabbli lil terzi u li fuqhom il-konvenuti m'ghandhom l-ebda influwenza. Wara kollox kienu l-konvenuti, l-beneficjarji ta' l-isforzi ta' l-attrici meta tramite x-xoghol taghha rcevew l-ammont ta' tlettax-il elf lira. F'dak l-istadju ma qaghdux jargumentaw illi m'ghandhomx jiehdu dawn il-flus ghaliex Grace Borg bhala Chairman tal-Malta Song Board ma setghetx tintervjeni ghalihom biex iggibilhom tali ammonti. La kienu komdi jircevuhom allura ergo jridu jerfghu r-responsabbilta' ta' tali konsegwenzi. Kif ighallem id-dritt ruman *"qui sentit commodum sentire debet et onus"*

Ikkunsidrat:

L-argument l-iehor li gabu l-konvenuti kien illi l-ammont mhuwiex dovut li jithallas peress illi l-attrici bbenefikat minn sensiela ta' reklami ghan-negozju taghha.

Jibda biex jinghad illi l-konvenuti ma gabu l-ebda prova ta' dan, pero' zgur dana mhux mod illi kif topera t-tpacija. It-

tpacija hija regolata bl-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili u ssir bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett inter alia somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidabbli u li jistghu jintalbu. F'dan il-kaz l-unika ammont li huwa likwidabbli u li jista' jintalab huwa l-ammont li qed tippretendi l-attrici. Jekk il-konvenuti pprestawx xi servigi bil-forma ta' reklami dan ghadu mhuwiex likwidat u mhux bizzejjed illi ssir semplici dikjarazzjoni f'nota ta' osservazzjonijiet illi r-reklami ghandhom valur ta' eluf ta' liri Maltin. Fi kwalunkwe kaz, dikjarazzjonijiet generici ta' servizz prestat lill-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur li jzomm lura pagament. (Joe Xuereb Holdings Co. Ltd vs Marlene Xuereb et. Prim Awla deciza fit-30 ta' Gunju 2005)

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza *"l-Onorevoli Carm Lino Spiteri vs PDW"* deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1988 fejn qalet li ma tistax issir tpacija meta dejn li jkun qieghed jallega li ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u ezegwibbli jew ta' l-anqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma tista' t'opera *ipso jure* jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra (ara wkoll Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et Prim Awla 12 ta' Dicembru 2002). Ma jirrizultax mill-atti li hemm xi forma ta' ammissjoni minn naha ta' l-attrici illi hija ghandha taghti xi haga lill-konvenuti ghal xi reklami li huma jippretendu li pprestawlha fil-programmi taghhom. Ghalhekk dan l-argument ukoll ma jreggix.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda x-xoghol li sar fil-formazzjoni tal-kumpanija tas-socjeta' Mews Network Limited, irrizulta mill-provi illi din il-kumpanija giet abbozzata u lesta ghal firma, pero' qatt ma giet finalizzata. Fi kwalunkwe kaz, l-attrici mhi qed tippretendi xejn ghal xoghol illi ghamlet ghal formazzjoni tal-kumpanija. A fol 72 tghid testwalment li mhijiex interessata fil-hlas tax-xoghol tal-kumpanija peress illi kulhadd hadem fiha u hija ppretendiet biss il-kummissjoni fuq it-tlettax-il elf lira li gabet ghall-konvenuti.

Hawnhekk ukoll il-konvenuti qeghdin jikkontestaw ir-rata ta' 15% illi talbet l-attrici. Ray Baldacchino a fol 110

jirreferi ghall-esperjenza tieghu fil-qasam ta’ l-*entertaining* u jghid *“... f’advertising dawk il-flus li jkunu ngabu tramite l-isforzi ta’ persuna, dan ta’ l-ahhar ikun intitolat ghall-commission ta’ fifteen per cent (15%). Ghal sponsorship differenti, hemm relazzjoni diretta bejn dak li ser jaghti l-flus u min jircievi*.*”* Verament il-Qorti ma tistax tifhem x’differenza hemm f’dawn iz-zewg istanti. L-attrici ghamlet proprju dak illi qieghed ighid  Ray Baldacchino illi gabet flus tramite l-isforzi taghha  fejn allura tkun intitolata ghal *commission* ta’ *fifteen per cent* li huwa proprju r-rata li qieghda titlob fl-avviz. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tigi applikata din ir-rata bhala kumpens ghas-servigi rezi mill-attrici fl-ottjeniment tat-tlettax-il elf lira a beneficcju tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsuha s-somma ta’ €4542.28 rapprezentanti *commission* ta’ hmistax fil-mija (15%) fuq il-valur shih ta’ *sponsors* ipprovduti lill-konvenuti mill-attrici, ghal programm televiziv minnhom prodott bl-isem “Showtime ma’ Ace Line”. Bl-ispejjez u l-interessi legali kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------